MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 1653/2000/1

**Simonds Farsons Cisk Plc.**

**-vs-**

**Joswill Galea u b' digriet tat-2 ta' Jannar, 2002 Dr. Tonio Azzopardi u l-P.L. Hilda Ellul Mercer gew nominati kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-assenti Joswill Galea.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-7 t' Awwissu, 2000 li bih s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi b' skrittura li ggib id-data tal-25 ta' Frar, 1999, id-ditta attrici ghaddiet lill-konvenut s-somma ta' Lm1,500, fil-waqt li l-konvenut, li kien jigestixxi l-istabbiliment maghruf bl-isem ta' Joswill's Restaurant, Marsascala, obbliga ruhu biex ma jbieghx prodotti simili ghall-dawk tad-ditta attrici, u li kull sena ghall-periodu ta' tlett snin jixtri minghand id-ditta attrici prodotti li jiswew ta' l-inqas Lm4,500; is-somma ta' Lm1,500 kellha tigi mhallsa lura b' discounts fuq il-prodotti mixtrija minghad id-ditta attrici;

Illi l-konvenut kiser dan il-ftehim u, ghalhekk, il-konvenut ghandu jitqies li ddekada mill-beneficcju tat-terminu moghti lilu u ghandu jigi kkundannat jhallas kull bilanc dovut;

Illi mill-imsemmija somma ta' Lm1,500, il-konvenut skond biss parti minnha u ghandu jhallas il-bilanc Lm1, 236;

Illi l-konvenut interpellat biex ihallas din is-somma, anke ufficjalment, baqa' inadempjneti;

Illi oltre l-premess, il-konvenut ghandu jghati lid-ditta attrici s-somma ulterjuri ta' Lm532.22, bilanc fuq bejgh lilu ta' prodotti tad-ditta attrici.

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex:

1. M' ghandux jigi dikjarat li l-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim fuq imsemmi u ghandu, ghalhekk, jirrifondi lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm1,236,

2. M' ghandux l-istess konvenut jigi kkundannat jhallas lid-ditta attrici s-somma imsemmija ta' Lm1,236 (elf, mitejn u sitta u tletin liri maltin) dovuti lilha kif fuq spjegat.

3. M’ ghandux il-konvenut jigi kkundannat ukoll ihallas lid-ditta attrici s-somma ta’ Lm532.22 (hames mija u tnejn u tletin liri maltin u tnejn u ghoxrin centezmu) bhala bilanc fuq bejght lilu ta’ prodotti tad-ditta attrici.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-Ittra Ufficjali tal-10 ta’ Marzu, 2000, u bl-imghaxijiet legali ta’ 8% mid-data tal-imsemmija ittra ufficjali, kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni tieghu.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ attrici mahlufa minn Dr. Andre’ Camilleri u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati pprezentata fit-22 ta’ Lulju, 2002 li permezz taghha eccepew:

1. Illi l-eccipjenti nomine mhumhiex edotti mill-fatti tal-kawza u ghalhekk qeghdin jirrizervaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-Kuraturi Deputati mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghet ix-xhieda ta’ Adrian Tonna.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Marzu, 2004 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Illi prova prodotta mis-socjeta’ attrici ma’ gietx kontradetta.

**Il-Qorti ghalhekk, tilqa’ t-talbiet attrici u tiddikjara li l-konvenut agixxa bi ksur tal-ftehim imsemmi u ghalhekk tikkundannah ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elf mitejn u sitta u tletin lira (Lm1,236), kif wkoll ihallas lid-ditta attrici s-somma ta’ hames mija**

**u tnejn u tletin liri maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm532.22) bhala bilanc fuq bejgh lilu ta' prodotti tad-ditta attrici bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Marzu 2000 sal-pagament effettiv; bl-ispejjez inkluz dawk tal-ittra ufficjali imsemmija fic-citazzjoni ghanhom jigu sopportati kollha mill-konvenut. L-ispejjez tal-Kuraturi Deputati ghanhom jigu sopportati provizorjament mis-socjeta' attrici.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------